# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-24 ta' April 2023**

**Rikors Nru : 28/2023 JPG**

**Kawza Nru : 19**

**EE**

**v.**

**HE**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' EE (ID. 0263498M) datat 10 ta' Jannar 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fit-18 ta' Mejju tas-sena 2018 (18.05.2018), mil-liema żwieġ huma kellhom minuri bl-isem ta' NE li twieled nhar il-5 ta' Ottubru 2018;*

2. *Illi huma sseparaw legalment permezz ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) datata 6 ta' Lulju tas-sena 2022 (06/07/2022), liema sentenza ma ġietx appellata (Ara kopja tas-sentenza u taċ-ċertifikat li ma ġietx appellata hawn annessa u mmarkata bħala* ***Dok B****);*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi huma ilhom separati de facto sa minn Jannar tas-sena 2020, illum il-ġurnata huma għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

4. *Illi skont l-imsemmija sentenza mogħtija minn din il-Qorti, l-esponenti tiddikjara illi hija m'hiex obligata li tħallas ebda manteniment lill-intimat, iżda huwa l-intimat li huwa obbligat iħallas manteniment għaliha u għall-minuri, kif ukoll li jrid iħallas somma sostanzjali ta' arretrati ta' manteniment. Għahekk, l-esponenti, li hija l-persuna li qed titlob id-divorzju, m'hijiex qed tonqos mill-obbligi tagħha li tħallas manteniment;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikoli 66B u 66D(2) tal-Kodiċi Ċivili;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti tirriverti għal kunjom xbubita, u ċjoe 'Mizzi';*

3. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien li l-istess Onorabbli Qorti jogħġobha timponi jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan tal-aħħar jirreġistra l-istess fiċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet.*

*U dana taħt kull provvediment ieħor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehedet** (vide affidavit fol 3) illi l-partijiet izzewgu nhar it-18 ta' Mejju 2018, u minn dan iz-zwieg twieled tifel, li ghadu minorenni. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali moghtija minn din il-Qorti nhar is-6 ta' Lulju 2022. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u ssostni li l-intimat qieghed moruz fil-manteniment dovut ghaliha u ghal binha.

**L-intimat xehed** (vide affidavit fol 22) u kkonferma u kkorrabora max-xhieda tal-attrici ghajr ghall-kwistjoni tal-manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-18 ta' Mejju 2018, liema zwieg jgib certifikat numru 1102/2018 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 21). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' sentenza ta' separazzjoni personali moghtija nhar is-6 ta' Lulju 2022, mill-Imhallef Dr. A. Vella (Vide sentenza ta'

separazzjoni fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-attrici ikkonfermat li l-intimat huwa moruz fil-manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul stante li mhijiex l-attrici li hija moruza fil-manteniment ta' binha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1102/2018 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'Mizzi' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**